"Dar Birżebbuġa" Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 05/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2014 fil-5.30pm.**

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |

**<u>AĠENDA 1</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 04/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sur C.Muscat ippropona u s-Sur J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 04/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

**<u>AĠENDA 2</u>**

01/05 Kien hemm talba biex issir Triathlon b'risq 'Wateraid Ghana by HSBC Malta Staff' nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2014. Il-Kunsillieri qablu li tingħata 'no objection' letter, dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

02/05 Kien hemm talba mill-Amateur Fisherman Association biex issir il-kompetizzjoni tas-sajd fuq il-pont (faċċata ta' Triq Santa Katarina) jew il-Ħadd, 6 ta' Lulju 2014 jew il-Ħadd, 20 ta' Lulju 2014 jekk ma jippermettix it-temp. Il-Kunsillieri qablu li tingħata 'no objection letter' bil-kundizzjoni li l-post jitħalla nadif u li l-parteċipanti jiġu avżati biex ma jagħmlux storbju fis-sigħat bikrin ta' filgħodu sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

03/05 Kien hemm talba mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għall-permess biex tingħalaq parti mit-triq ta' bejn l-istage u r-roundabout fil-pjazza minn nofs il-lejl tal-Erbgħa, 30 ta' Lulju 2014 (sbieħ il-Ħamis) sal-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu sas-6.00am biex jintrama u jinħaraq in-nar tal-art. Il-Kunsillieri qablu li tingħata 'no objection letter' dejjem suġġetta għal permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

04/05 Kien hemm talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru biex għall-darb'oħra, jinħarġilha permess għall-attivita' 'Festa Ġelat' li din is-sena ser issir nhar is-Sibt, 19 u l-Ħadd, 20 ta' Lulju 2014 fil-Bajja s-Sabiħa Għal din it-talba, il-Kunsillieri ma sabu l-ebda oġġezzjoni. Pero, għat-tieni parti tat-talba, li kienet biex isir tisjir ta' burgers, hot-dogs u chips fuq il-prominad, il-Kunsillieri taw biss permess biex it-tisjir isir taħt il-bankina bħal gabbani fil-festa fit-triq tal-Bajja s-Sabiħa minħabba l-bye-law li hemm fis-seħħ. Uħud mill-Kunsillieri qablu li, fis-Seduta li jmiss, għandhom jiddiskutu tibdil fil-bye-law rigward 'open fires' max-xatt.

05/05 Kien hemm talba mill-Birżebbuġa Scout Group biex isir 'Plant and Book Sale' fil-Bajja S-Sabiħa mill-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju sal-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2014. Il-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection letter' bil-kundizzjoni li l-post jitħalla nadif u li għandu jiġi kkuntattjat il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit għas-servizz tal-elettriku.

06/05 Kien hemm talba għall-permess biex jintrama 'bouncy castle' fil-Bajja s-Sabiħa bejn il-31 ta' Mejju u t-13 ta' Lulju 2014. Il-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection letter' bil-kundizzjoni li l-vettura ma tinżammx ipparkjata fuq ir-ramel iżda tidħol għal 'Un/Loading' biss u wara tiġi pparkjata fit-triq kif ukoll li għandu jiġi provdut 'insurance' u 'safety certificate' tal-apparat qabel ma jinħareġ il-permess.

07/05 Kien hemm talba għall-kumpens finanzjarju minn resident li jtella' wirja kull sena fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira peress li xtaq itaffi ftit mill-ispejjeż li kien għamel. Din it-talba ma gietx milqugħa minħabba r-raġuni li l-Kunsill skont il-liġi ma jistax jagħmel donazzjonijiet.

08/05 Kien hemm talba għall-kumpens ta' spejjeż li qal li ġarrab resident minħabba toqba fit-triq. Ir-rapport tal-Pulizija kien datat jumejn wara li sar l-inċident u għalhekk il-Kunsillieri qablu li ma jingħatax kumpens minħabba l-'policy' tal-Kunsill dwar dawn il-każijiet li tgħid li għandu jissejjaħ Pulizija jew Warden fuq il-post dak il-ħin tal-inċident biex jitnaqqas iċ-ċans ta' abbuż.

09/05 Kien hemm talba minn Kumpanija ta' Periti f'isem sid ta' restaurant li jrid jibda jarma l-imwejjed u s-siġġijiet fuq biċċa simenta li hemm fuq il-blat fix-xatt tal-Qajjenza faċċata tar-restaurant in-naħa l-oħra tat-triq. Wara diskussjoni l-Kunsillieri qablu li ma tingħatax 'no objection letter' biex tinżamm il-'policy' tal-Kunsill li ma jinħarġux dan it-tip ta' permessi.

10/05 Kien hemm talba biex il-Kunsill jagħmel 'endorsement' għall-KOPIN (Kooperazzjoni Internazzjonali – Malta) għall-applikazzjoni għall-fondi biex issir kampanja ta' edukazzjoni għar-residenti ta' Birżebbuġa permezz ta' 'brochures' u 'seminar' rigward razziżmu, 'hate speech' u 'xenophobia'. Wara diskussjoni l-Kunsillieri ma setgħux jaqblu, għalhekk is-Sindku kellu jieħu votazzjoni fejn ġew 5 Kunsillieri kontra u 2 Kunsillieri favur. Kien hemm suġġeriment biex il-KOPIN javviċinaw lill-ETC bit-talba tagħhom.

11/05 Kien hemm talba minn Catholic Revival Movement biex isir 'healing service' f'Wied il-Buni nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2014. Il-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection letter' dejjem suġġetta għal permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati u bil-patt li jinġiebu biżżejjed 'bins' għan-numru ta' nies preżenti u li jaħsbu għall-provvista tad-dawl.

12/05 Peress li kien hemm tibdil fir-rotta, kien hemm il-ħtiega li terġa' tiġi kkunsidrata in-'no objection letter' mill-ġdid għat-Triathlon minn Birkirkara St. Joseph Sports Club. Il-

Kunsillieri qablu li din tingħata, dejjem suġġetta għal permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

**AĠENDA 3**

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra r-rati ta' offerta ta' pakkett għat-telefonija mill-Go plc. Ġie deċiż li jintalbu żewġ kwotazzjonijiet minn żewġ kumpaniji oħra qabel ma tittieħed deċiżjoni.

**AĠENDA 4**

Tressqet fuq il-mejda tal-Kamra l-iskeda tal-pagamenti u l-'purchase requests' tagħhom, għax-xahar ta' April 2014. Is-Sur S.Zammit ġibed l-attenzjoni għall-kont stima tal-konsum tad-dawl għall-'Ġnien il-Kunsill' u ta l-parir li ma jitħallasx għalissa għax kellhom jiġu jieħdu l-'actual reading' u mbagħad jitħallas dak attwali. Is-Sur C.Cachia kellu mistoqsija dwar il-ħlas li sar meta il-kumpanija li tieħu ħsieb il-'maintenance' tal-'lift' tal-binja tal-Kunsill tħallset għall-siegħa xogħol li sar meta t-'technician' ġie jara il-ħsara li kien hemm u rranġa l-bibien tal-'lift' temporanjament għax ma bdewx jingħalqu minħabba li nkiser is-sill. Wara li ġie ċċarat dan il-punt, u saret l-amenda dwar il-pagament tal-kont tad-dawl, il-Kamra approvat is-somma ta' €43,707.51, skont Skeda Nru. 04/14.

**AĠENDA 5**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li :

- irċevejna is-somma ta' €83,790.29 tal-iskema tal-PPP u li dawn għaddew b'ċekk għand il-kuntrattur li għamel it-triq.
- ġejna avviċinati mill-'Health and Nutrition Unit' biex naħdmu flimkien f'kampanja kontra l-obesita' fit-tfal minħabba li aħna għandna rata għolja ta' tfal bil-piż żejjed.
- fil-Laqgħa Annwali organizzata mir-Regjun Nofsinhar nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2014 ġejna nfurmati li hemm il-ħsieb li joffru l-għajnuna għall-ksib ta' fondi mill-Ewropa; li l-Kunsilli jingħaqdu biex ikun hemm aktar forza għal dan il-għan u anki għall-għan tas-sistema ta' 'security cameras'.
- l-amministrazzjoni ser tibda taħdem fuq ħruġ ta' diversi talbiet għall-kwotazzjonijiet għal provista ta' materjal u fuq l-Offerta Pubblika għal Servizz ta' Contract Manager. Il-Kunsillieri ġew mitluba biex iressqu xi tibdil li xtaqu li jsir fihom. Dawn tniżżlu bħala noti biex jiġu nklużi.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jitneħħew il-fdalijiet tal-iskatepark minn fuq is-simenta tal-Bajja s-Sabiħa.
- ġibed l-attenzjoni li fi Triq Santa Katarina fil-parti ta' man-naħa tal-bandli hemm bżonn li jsiru l-'parking base' ġodda.
- ġibed l-attenzjoni li ż-'zebra crossing' ta' Ħal Far qabel Għar Ħasan għada ma saritx. Il-Kamra infurmatu li din kienet responsabbilta' ta' TM.

3. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia:

- ġibed l-attenzjoni li fl-inħawi tas-Sailing Club kien hemm xi karrijiet u dgħajsa f'kundizzjoni ħażina ħafna li kienu jidhru li huma skartati. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat ssuġġerixxa li għandu jitwaħħal avviż magħhom li jekk ma jiġux mneħħija mis-sid sa ċertu żmien, dawn jiġu mneħħija mill-Kunsill. Il-Kamra qablet.

- ġibed l-attenzjoni li fl-inħawi tal-Port Ħieles u fi Triq San Patrizju, qed ikun hemm il-bramel tal-iskart u l-iskips dejjem mimlijin bil-boroż suwed tal-iskart domestiku. Huwa ħaseb li ma kienx qed jiġi miġbur l-iskart iżda l-Kunsillieri nfurmawh li l-ġbir isir, pero' nies mhux residenti f'Birżebbuġa jġibu l-boroż tal-iskart tagħhom magħhom u qabel ma jidħlu għax-xogħol, ipoġġuh fil-bramel li jkunu għadhom kemm ġew imbattla.

4. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- ġibed l-attenzjoni li minħabba li bi żvista id-diskussjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar ir-Riforma tal-Infurzar Lokali ma gietx inkluża fl-Agenda tal-lum, talab li din għandha tidħol fl-Aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

- irrimarka li peress li l-Kunsill għadu ma ffissax data għal-laqgħa dwar il-budget u l-cost cutting, anke jekk hija biċċa xogħol kbira, issuġġerixxa li jkun għaqli li jkollna l-budget updated kull xahar biex inkunu f'pożizzjoni li nieħdu d-deċiżjonijiet.

- talab lill-Kamra għall-approvazzjoni ta' madwar €400 għal żewġ lampi ġodda, waħda fi Triq il-Qajjenza, fuq il-Bus Stop u oħra fi Trejqa fi Triq l-Għannejja.

- talab lill-Kamra għall-approvazzjoni ta' madwar €200 sabiex jiġi provdut trasport għall-okkażżjoni tal-bidu tal-ħbiberija soċjo-kulturali bejn iż-żewġ soċjetajiet mużikali lokali u l-Għaqda Armar Triq 13 ta' Diċembru, Nadur, kif ukoll sabiex jinxtraw mementos għal din l-okkażżjoni, li ser tkun ukoll il-ħarġa tax-xahar tal-Kunsill.

- informa l-Kamra dwar il-festun tal-Qajjenza, approvat fis-Seduta li għaddiet, li dan ser jiġi jiswa madwar €550 li jinkludi cables ġodda, numru ta' holders ġodda (mhux kollha għaliex numru minnhom ser jittieħdu mill-festun tas-sena l-oħra) u l-lampi kollha.

- talab lil J.M. Installations sabiex jara x'hemm bżonn isir u l-istima sabiex tiġi mdawwla l-islip way ta' ħdejn ir-regatta wara talba mill-istess klabb lil diversi Kunsillieri. Il-problema prinċipali hi li s-'supply' fil-passat, flok issewwa kien inqata'.

- irrimarka li Wied il-Qoton teħtieġ 'patching' immedjat. Diffiċli tgħaddi minnha għax hija perikoluża.

- irrimarka li f'Misraħ Tal-Pajtier jeħtieġ li jinqata' il-ħaxix.

- irrimarka li hemm bżonn li tinġibed l-attenzjoni ta' jew issir laqgħa mal-Pulizija, dwar il-parkeġġ ħażin, speċjalment fejn issir it-tombla, Triq Sant'Anġlu u Triq is-Sajjied, u karozzi li jgħaddu 'one-way' fi Triq ir-Raddiena u oħrajn. Qed isir ukoll sewqan eċċessiv fi Triq San Filippu.

- informa l-Kamra li waqt il-Laqgha Annwali tar-Reġjun Nofsinhar li saret nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2014 kien offrut li jsir audit dwar sistema tal-cameras tas-sigurta' mill-G4S. Ir-Reġjun ser iħallas ukoll €2000 għal cameras.

- informa l-Kamra li qiegħed jinnegozja sabiex jitwaħħlu tliet 'intelligent lamps', bħala esperiment, bla spejjeż u bla pre-ġudizzju kif ġej:

a) Waħda f'Misraħ ir-Repubblika - barra li din tkun 'energy saving' din tkun baxxa u togħla malli jersqu n-nies ħdejha.
b) Tnejn fi Ġnien il-Kunsill - dawn ikunu baxxi u jgħolew malli wieħed jersaq qrib dik li tkun fl-entratura.

5. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B. Pace :

- ġibdet l-attenzjoni li fil-bandli l-ġodda tal-Bajja s-Sabiħa kien hemm xi nies li bdew jilmentaw li aħjar sar taraġ milli rampa biex it-tfal jitilgħu fil-'playhouse'.

- issuġġerit li f'Birżebbuġa jibda jsir 'Artisan Market' kull nhar ta' Ħadd biex jinġibdu t-turisti lejn iż-żoni tan-nofsinhar għat-turiżmu reġjonali.

- fakkret li kellhom jinġabru l-firem mill-għaqdiet biex isir tibdil fil-'bye-law' kontra l-'open fires' imma dawn il-firem ma ġew qatt.

6. Il-Kunsillier, is-Sur C. Muscat:

- informa lill-Kamra li l-ħaddiema mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin issa żdiedu għal erbgħa u li kienu qed jagħmlu ħafna xogħol siewi għall-ġid tar-residenti ta' Birżebbuġa.

7. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia:

- talab lill-Kunsillieri jiddeċiedu fuq tlett proġetti żgħar li xtaqu li jiġu mressqa quddiem l-Onor. Stefan Buontempo, fuq stedina tiegħu stess għal-laqgħa nhar it-Tnejn, 2 ta' Ġunju 2014. Il-proġetti li ntgħażlu kienu:

1. Statwa motto ta' Birżebbuġa;
2. Skatepark fil-Bajja s-Sabiħa
3. Funtana fi Ġnien l-Indipendenza.

**<u>Għeluq</u>**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2014 fl-4.00pm.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Marthese Parascandalo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |